## QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 2 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 1**

**Rik. Nru. 585/2013 JZM**

**Fil-Proceduri tal-Falliment**
**ta` Jonathan Pace**

**Il-Qorti :**

**Dan tal-lum huwa d-digriet fejn il-Qorti sejra tghid jekk fl-istadju attwali ta` dan il-procediment ghandhiex tigi determinata l-ewwel inkella le l-gradwazzjoni tal-krediti <u>qabel</u> il-kuratur tal-falliment ighaddi ghall-bejgh tal-assi tal-fallut sabiex mir-rikavat tal-bejgh issir dak li trid il-ligi.**

Illi l-Falliment huwa trattat fit-Taqsima III tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13 tal-Ligijiet ta` Malta). Din it-Taqsima hija komposta minn seba` (VII) titoli. Sal-lum, din il-Qorti rnexxielha tikkonkludi dawn it-Titoli : l-ewwel (I) [Dikjarazzjoni ta` Falliment] ; it-tieni (II) [Il-Jeddijiet u l-Obbligi tal-Kuraturi tal-Fallut] ; it-tielet (III) [Ir-Rivendikazzjoni] ; ir-raba` [Il-Verifika tal-Krediti kontra l-Fallut] u l-hames (V) [l-Akkordju].

Illi waslet fis-sitt (VI) titolu u cioe` l-Gradwazzjoni tal-Kredituri.

Illi l-Qorti ezaminat b`reqqa d-disposizzjonijiet kollha ta` dan it-titolu li jmorru mill-Art 528 sal-Art 537 tal-Kap 13.

Illi hija l-fehma konsiderata taghha illi xejn fit-Titolu VI ma jzomm lill-Qorti milli tistabilixxi preventivament il-gradwazzjoni tal-kredituri qabel isir il-bejgh tal-assi tal-fallut.

Illi fil-kaz tal-lum, irrizulta mill-process ta` verifika tal-krediti li l-fallut kellu tahlita gmielha ta` kredituri mhux daqstant fl-ghadd ta` persuni jew tal-krediti, izda ta` kif certa krediti jistghu potenzjalment jippregradwaw qabel ohrajn.

Illi ghal din il-Qorti ma jaghmel l-ebda sens guridiku illi l-kuratur tal-fallut ighaddi ghall-bejgh tal-assi, specjalment tal-immobbli, bla ma tkun diga` determinata l-gradwazzjoni tal-krediti, meta fil-kaz tal-lum diga` rrizulta li l-kredituri tal-fallut huma diversi fl-ghadd, bi krediti qawwija fil-quantum ohrajn inqas, u fuq kollox b`uhud mill-kredituri jgawdu privilegg jew dritt ta` preferenza.

Illi hija l-fehma ta` din il-Qorti illi d-disposizzjonijiet tat-Titolu VI jkunu qeghdin jinghataw sens wisq riduttiv u ristrett ta` interpretazzjoni li kieku din il-Qorti kellha taccetta illi fl-ewwel lok ghandu jsir il-bejgh bil-konsegwenza li min mill-kredituri jgawdi diga` privilegg jew ipoteka specjali favur tieghu jithallas l-ewwel daqslikieku din il-procedura shiha u komplessa tkun saret ta` xejn. Li kieku dik kellha tkun l-interpretazzjoni t-tajba, allura dak ikun qed jaghmel xempju tal-hsieb wara r-regolamentazzjoni tal-falliment fil-ligi taghna.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taghti direzzjoni cara u preciza lill-Av. Dr. Richard Galea Debono, bhala kuratur tal-fallut, sabiex qabel ighaddi ghall-bejgh kollha tal-assi tal-fallut, jissottometti ghall-konsiderazzjoni u approvazzjoni taghha l-gradwazzjoni tal-kredituri.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**